# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 24 ta' April, 2002**

**Numru**

**Avviz numru: 193/02mm**

**Untours Insurance Agents Limited ghall-**

**Qatar Insurance Company kif surrogata**

**fid-drittijiet ta' Saviour Grech u l-istess**

**Saviour Grech**

**vs**

**Spiro Tanti**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-atturi ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, seba' mija u tmienja u tmenin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm2,788.31) lil Untours Insurance Agents Ltd. nomine u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00) lil Saviour Grech danni in segwitu ghall-incident stradali li gara l-Marsa fit-18 ta' Awissu, 2001, bejn il-vettura numru LCE 412 misjuqa mill-konvenut u il-vettura numru IBC 994 misjuqa mill-attur Saviour Grech. Prevja dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident u danni minhabba mprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-Ittra Ufficjali ai termini tal-Kap 104 u Lm11.50 ta' konsult u ittra nterpellatorja u bl-imghax min-notifika ta' l-Avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talba attrici.

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.